Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,967, 12 ta' Marzu, 1982

Taqsima B

A.L. 17 ta' l-1982

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 58)

Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Bord ta' l-'Accountancy' (Drittijiet għal Eżami)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Bord ta' l-*Accountancy* (Drittijiet għal Eżami).

Drittijiet li għandhom jitħallsu għal eżamijiet.

2. Għandu jitħallas lill-Bord ta' l-*Accountancy* dritt ta' £1.50 għal eżami f'kull suġġett li jittieħed f'xi wieħed mill-Eżamijiet tal-Professjoni ta' l-*Accountancy* li jsir mill-Bord ta' l-*Accountancy*.